# OPRI TAL-BAĦAR

Disinn u ktiba ta' Frankie Formosa / fformosa@unionprint.com.mt







## L-EVOLUZZJONI TAD-DGĦAJJES MAŻ-ŻMINIJIET



Tinqix li nstab fil-Piramidi tal-Eġittu li juri nies jaqdfu fuq dgħajsa

L-EQDEM dgħajsa li qatt instabet hija twila tliet metri. Din id-dgħajsa tat-tip Pesse canoe huwa maħsub li nbniet madwar 8,000 sena Qabel Kristu. L-arkeoloġisti huma tista' tgħid ċerti li ħafna snin qabel din id-dgħajsa kienu diġà jeżistu dgħajjes li kienu kemxejn elaborati. Tinqixa li nstabet f'għar fl-Ażerbajġan, liema tinqixa tmur lura madwar 10,000 QK, turi dgħajsa (*reed boat*) li fuqha jidhru xejn inqas minn 20 persuna jaqdfu.

Ta' min jgħid li l-arkeoloġisti huma tal-fehma li l-ewwel dgħajjes ġew mibnijin xejn inqas minn 800,000 sena ilu, iżda dawn ma kinux mibnijin mill-bniedem iżda mill-Homo Erectus. Eretus oriġina madwar 1.8 miljun sena ilu fl-Afrika u din l-ispeċi baqgħet teżisti għal xejn inqas minn 1.5 miljun sena fejn imbagħad in-Neanderthals ħadulha posta u wara ġiet ir-razza tagħna - Home Sapiens.

Ovvjament id-dgħajjes li kienu jużaw l-ewwel nies m'għadhomx jeżistu, iżda l-arkeoloġisti għandhom idea ċara x'materjal kienu jużaw l-Erectus biex jibnu d-dgħajjes tagħhom. Wara studju li sar dwar it-tip ta' pjanti u siġar li kienu jeżistu fi żmien l-Erectus, l-arkeloġistu kkonkludew illi wisq probabbli l-ewwel dgħajjes kienu magħmulin minn zkuk tal-bamboo marbutin ma' xulxin.

Id-dgħajjes preistoriċi kienu magħmulin minn kull tip ta' materjal li kapaċi jżomm fuq wiċċ il-baħar. Dan ma kienx jeħtieġ affarijiet ikkumplikati biex jinħadmu għax kulma riedu huwa xi ħaġa li biha tista' taqta'

>> IKOMPLI F'PAĠNI I U II

## L-aqwa vapuri ta' kull żmien



Bismarck, bastiment Nażist li kien inissel biża' fl-avversarji bid-dehra tiegħu biss

Sa minn meta l-ewwel bniedem induna li l-injam ma jegħriqx meta titfgħu fil-baħar, il-baħar beda jsir post fejn il-bniedem seta' jiddomina u jħalli l-influwenza tiegħu. Mid-dgħajjes magħmulin minn zkuk tal-bamboo, vapuri bil-qlugħ u l-bastimenti nukleari tal-lum il-bniedem sa minn dejjem kellu rabta mal-baħar.

Sa qabel ġie ivvinat l-makkinarju li jaħdem bil-fwar (*steam*), li bih kienu jaħdmu l-ewwel ferroviji, prattikament il-baħar kien l-uniku mod ta' kif il-bniedem seta' jittrasporta materjal u provvisti minn pajjiż għal ieħor u b'hekk dan kien fundamentali għall-iżvilupp tal-bniedem.

Il-bastimenti jilagħbu rwol importanti anke fil-gwerer. Illum il-ġurnata naraw opri tal-baħar li huma enormi u mhux ta' b'xejn li jaffaxxinaw lil bosta nies. Ovvajment matul is-snin inbnew miljuni ta' bastimenti, iżda ftit kienu dawk li l-impatt tagħhom kien tant kbir li bqajna niftakruhom matul dawn is-sekli kollha. Dawn il-ftit vapuri baqgħu jissemmgħu min-ħabba l-avvenimenti kbar li kienu involti fihom, avvenimenti li bidlu l-ħajja ta' bosta nies.

Hawnhekk għandna lista tal-aktar għaxar vapuri importanti fl-istorja marittima:

### SANTA MARIA

Dan kien bastiment Spanjol li kien fih biss 70 pied, u la kien veloċi u lanqas kellu dehra sabiħa.

>> IKOMPLI F'PAĠNI VI U VII

# MIN-NIES PRIMITTIVI GĦALL-VIKINGI



Vapur tal-Vikingi li jinsab esebit f'mużew fin-Norveġja

>> IKOMPLI MINN PAĠNA I

z-zkuk tas-sigar tal-bamboo. L-ewwel dgħajjes kienu jintużaw għas-sajd u anke għat-trasport.

Dawn id-dgħajjes kienu jimxu jew billi jiġu mbuttati bi zkuk, jinġibdu bi ħbula jew bl-imqadef. Meta kienu jintużaw fix-xmajjar, dawn kienu jitħallew jimxu mal-kurrent.

## L-EĠITTU U L-MESOPOTAMIA - MINN 3,000 SENA QK.

Dawn iż-żewġ ċivilizzazzjonijiet kbar - l-Eġizzjani u l-Mesopotamia - kienu jagħmlu użu estensiv minn dgħajjes għat-trasport kemm fix-xmara Nil, Euphrates u Tigris. In-Nil hija xmara li faċli li tivvjaġġa fiha għax hija prevedibbli ħafna. Dan għax ir-riħ dejjem jonfoħ mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u l-kurrent dejjem jimxi min-Nofsinhar għat-Tramuntana. Għalhekk l-Eġizzjoni meta jbaħħru favur il-kurrent kienu jużaw il-qlugħ kwadru tagħhom u lura kienu jaqdfu. Din tidher evidenti minn hieroglyphs li l-arkeoloġisti sabu l-Eġittu.

L-Eġizzjani kellhom ukoll aċċess għall-Mediterran u għalhekk kienu jużaw bastimenti u dgħajjes ikbar biex ibaħħru f'dan il-baħar.

Id-dgħajjes li kienu jintużaw saru magħrufin bħala Byblos. Bihom kienu jagħmlu kummerċ mal-kosta tal-Lvant tal-Mediterran. Mill-port ta' Byblos kienet issir esportazzjoni ta' njam taċ-Ċedru tal-Libanu liema njam kien jintuża għall-bini ta' djar u anke għall-bini tad-dgħajjes. Tant hu hekk li waħda mill-eqdem dgħajjes li nstabet midfuna qrib il-Piramidi ta' Giża hija magħmula minn dan it-tip ta' njam. Din id-dgħajsa jidher li nħadmet fis-sena 2500 QK u hija twila 44 metru u wiesgħa 6 metri.

Fis-sena 1100 QK il-port ta' Byblos kien għadda taħt idejn il-Feniċi. Din kienet ċiviltà ta' baħħara mill-aqwa.

## ID-DISINN TAL-FENIĊI - MINN 1100 QK

Il-flotta tal-Feniċi kellha żewġ tipi ta' bastimenti. Kellek il-vapur li kemm fuq in-naħa ta' quddiem u anke ta' wara kien jiġi għat-tond. Dan il-bastiment kien jintuża kemm għall-ġarr ta' passiġġieri u anke tal-provvisti.

Imbagħad kellek bastiment ieħor li kien ferm ikbar. Fuq in-naħa ta' wara kien jiġi wkoll għat-tond iżda mbagħad quddiem kellu pruwa kbira. Dan kien il-bastiment tal-gwerra li kellu kemm qlugħ u anke mqadef. Dan kien vapur veloċi u kien kapaċi jagħmel manuvri veloċi ħafna.

Il-pruwa kbira ta' quddiem ta' dan il-vapur kienet tintuża biex tkisser il-bastimenti tal-għadu. Din kienet tattika popolari ħafna mal-Feniċi, Griegi u anke r-Rumani. Sa elf sena wara, ir-Rumani kienu għadhom jużaw din it-tattika iżda taħt il-pruwa - taħt il-livell tal-ilma - kien ikollhom qisu munqar tal-bronż li kien iħalli effett devastanti fuq il-bastimenti tal-għadu. Bħala prekawzjoni dawn il-bastimenti kien ikollhom bħal ċinturin tal-ħadid madwar il-bastiment kollu.

L-uniku mod ta' kif tista' żżid il-veloċità ta' dawn it-tip ta' bastimenti huwa billi żżid il-qaddiefa. Wieħed ovvjament setà jtawwal il-vapur biex b'hekk ikun hemm iktar qaddiefa, iżda dan hemm limitu sakemm tista' ddum tagħmlu għax imbagħad tasal fi stat fejn l-istruttura tal-vapur tidgħajjef.

Għalhekk is-soluzzjoni li ħarġu biha kienet li f'bastiment ikollok "żewġ sulari" ta' qaddiefa f'tip ta' vapur magħruf bħala bireme.

Din is-sistema kompliet tiżviluppa tant li mas-snin żdied sular ieħor u b'hekk il-vapuri saru magħrufin bħala trireme. Dan aktarx seħħ fi żmien il-Griegi. It-




trireme kienu l-vapuri li ntużaw fi gwerra li tista' tgħid kienet deċiża bil-qawwa navali. Din kienet il-gwerra bejn il-Griegi u l-Persjani fil-5 seklu QK. Fi żmien il-Gwerer Puniċi l-vapuri tal-gwerra kienu jerġa' ferm ikbar.

## IR-RUMANI

L-ewwel battalji żgħar li kien hemm fl-Ewwel Gwerra Punika, ir-Rumani kien irnexxielhom jieħdu taħt idejhom bastiment tal-gwerra tal-Kartaġiniżi li kien baqa' tiela' fuq l-art. Dan kien vapur revoluzzjonarju għal dak iż-żmien u kien għadu kif ġie introdott fil-Mediterran.

Dan kien quinquereme, jiġifieri kellu ħames sulari ta' qaddiefa li kien ifisser li kellu xejn inqas minn 300 qaddief. Dan kien ikbar u itqal mit-triremes li kien l-aktar wieħed popolari. Billi fil-gwerer navali kien jeħtieġ li wieħed ikisser il-bastiment tal-ieħor, it-toqol u l-kobor tal-vapur kien importanti. Huwa għalhekk li l-qawwa navali Rumana kienet tikkonsisti primarjament f'bastiment quinqueremes, għax dawn kienu kkupjati mit-teknoloġa tal-Karta ġi-niżi. Hekk kif kien instab dan il-vapur, is-senat Ruman kien ta l-ordni biex f'perijodu straordinajru ta' xahrejn jinħadmu 100 vapur minn dawn u 20 triremes. Aktar straordinjaru minn hekk hu li dawn jidher li tlestaw mal-ħin.

## 2,000 SENA TA' QDIF GĦALL-BATTALJA

L-ingredjent ewlieni fil-gwerer navali baqa' essenzjalment l-istess kemm fil-perijodu klassiku u anke fi żmien tal-medjuevu. Dawn il-vapuri kienu twal, dojoq u kienu "mħaddma" minn għadd ta' qaddiefa. Il-gwerra kienet issir billi l-vapuri jipprovaw ikissru lil xulxin jew billi jaslu qrib xulxin u l-ġellieda kienu jaqbżu minn vapur għal ieħor. Din it-tip ta' battalja baqgħat l-istess sal-1571 sal-gwerra ta' Lepanto.

L-uniku avvanz li kien sar f'dan il-perijodu huwa l-invenzjoni Biżantina. Invenzjoni li tant kienet devastanti li għandha magħrufa bħala l-aktar misteru tal-biża' sal-lum. Dan huwa magħruf bħala n-nar Grieg, li ntuża l-ewwel darba fis-seklu 7.


Vapur trireme, jiġifieri bi tliet sulari ta' qaddiefa

## LONGSHIPS

Dawn kienu vapuri li wkoll kienu jużaw il-qaddiefa. Dawn ġew maħduma l-ewwel darba fil-Majjistral tal-Ewropa minn tribujiet Ġermaniċi. Dawn huma magħrfin l-aktar bħala l-vapuri tal-Vikingi. Matul issnin instabu numru ta' vapuri ta' dan it-tip waqt eskavazzjonijiet li saru. Wieħed minnhom kien instab f'Gokstad fl-1880 u ieħor f'Oseberg fl-1903

Dak ta' Oseberg huwa famuż ħafna minħabba d-dekorazzjonijiet mill-isbaħ li fih. Iżda dak ta' Gokstad huwa l-iktar wieħed li kien jintuża f'dawn iż-żminijiet. Dawn il-vapuri kienu jintużaw mill-Vikini waqt irrejds tagħhom kemm fl-Ingilterra u anke fl-Iralanda. Dan għax setgħu jivvjaġġaw bihom fix-xmajjar minħabba li ma kinux fondi.


Sportline Vmf Batteries
Marine and Leisure
Recreational vehicles and craft require solid, reliable battery power for house power and other key-off accessory loads. Therefore the VMF Sportline program offers a wide range of multi purpose batteries. These are fully maintenance free calcium with low self discharge. Ordinary automotive batteries aren't designed to handle the deep-discharge accessory power any RV demands. A leisure battery on the other hand is designed to store power and release it over a much longer period of time.

Available from: Schembri Batteries Ltd.
A39, Industrial Estate, Marsa MRS 3000
info@schembribatteries.com
Tel: 2122 0036 Mob: 9985 8789
Fax: 2123 4150


MELITA POWER DIESEL LIMITED
"Committed to the Highest Quality Marine Facilities and Services in Malta"
Melita Marine Group
YARD
HYDRAULIC
METAL WORKS
COMPOSITE WORK
UNDERWATER HULL TREATMENT
HVAC INSTALLATION AND SERVICES
MECHANICAL & ELECTRICAL ENGINEERING
+356 9949 3706
info@melitapower.com
www.melitamarinegroup.net
BLB 045B, Bulebel Industrial Estate, Zejtun ZTN 3000, Malta

# MIŻURI TA' SIGURTÀ LI GĦANDEK TOSSERVA QABEL MA TBAĦĦAR



IRRELEVANTI minn kemm għandek esperjenza fit-tbaħħir, huwa dejjem importanti li qabel toħorġ bid-dgħajsa jew il-jott tiegħek issegwi numru ta' punti importanti biex b'hekk tħares saħħtek u saħħet ħaddieħor.

## ATTENT GĦAT-TEMP

Qabel tbaħħar bid-dgħajsa tiegħek dejjem iċċekkja x'inhu t-temp. Dejjem ikkonsulta t-temp fuq sorsi tajbin biex b'hekk ikollok informazzjoni korretta. Jekk tkun qiegħed fuq il-baħar u tibda tinnota li s-sħab qiegħed jiswied, isir volatili, ir-riħ qiegħed jitqawwa jew ikun hemm tnaqqis drastiku fit-temperatura f'daqqa waħda, aħjar iddur lura jew jekk tkun għadek fuq ix-xatt ħalliha għal darb'oħra.

## ARA LI KOLLOX SEW QABEL TITLAQ

Waħda mill-iktar affarijiet bażiċi li wieħed jista' jagħmel qabel ibaħħar hu li jiċċekkja li kollox jinsab kif suppost qabel ma jibda l-vjaġġ. Tajjeb li tagħmel lista tal-affarijiet li jkun jeħtieġlek tiċċekkja biex b'hekk żgur li ma tinsa xejn u tara li kollox ikun kif suppost qabel ikun tard wisq.

## UŻA S-SENS KOMUN

Waħda mill-iktar affarijiet effettivi f'dik li hija sigurtà fuq il-baħar hija li tuża s-sens komuni.

Dan ifisser li ma ssuqx b'veloċità eċċessiva speċjalment f'żoni fejn ikun hemm in-nies jgħumu. Ifisser ukoll li għandek dejjem toqgħod b'seba' għajnejn u tara li ma tgħaddix qrib ta' bastimenti jew dgħajjes oħrajn li jkunu fil-viċinanzi tiegħek. Agħti attenzjoni wkoll għal xi bagi jew oġġetti oħrajn fil-baħar li tpoġġew apposta biex jgħinuk tinnaviga.

## IMPORTANTI LI JKOLLOK L-GĦAJNUNA

Huwa tajjeb ħafna kieku apparti inti jkun hemm nies oħrajn li jkollhom idea ċara dwar kif għandek tinnaviga d-dgħajsa. Dan huwa meħtieġ biex jekk f'każ li inti jiġrilek xi ħaġa jkun hemm persuni oħrajn li jkunu kapaċi jsuqu d-dgħajsa lura lejn ix-xatt.

## INFORMA LILL-QRABA JEW ĦBIEB

Qabel tkun se tuża d-dgħajsa tiegħek huwa dejjem tajjeb li tinforma lil tal-familja jew ħbieb b'dak li jissejjaħ il-*float plan* tiegħek. Il-*float plajn* mhuwa xejn ħlief il-pjan tiegħek ta' fejn se tmur bid-dgħajsa u kemm se ddum.

*Float plan* huwa importanti wkoll jekk tkun se tieħu xi nies miegħek fuq id-dgħajsa. F'dan il-każ għandu jinkludi dawn l-affarijiet: Isem, indirizz, numru tat-telefown tiegħek (li qiegħed issuq id-dgħajsa). L-isem u n-numru tat-telefown tal-passiġġieri kollha, informazzjoni dwar l-għamla tad-dgħajsa u anke informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni. Għandek tinkudi fid-dettall ukoll ir-rotta li tkun se tieħu u l-mezzi ta' komunikazzjoni u l-apparat ta' sinjal li għandek abbord fosthom il-Emergency Position Indicating Radio Beacon (EPIRB) or Personal Locator Beacon (PLB).

## AGĦMEL UŻU TAJJEB MILL-ĠKIEKET TAS-SALVATAĠĠ

Kont taf illi l-maġġoranza






tal-vittmi li jegħrqu jispiċċaw imutu minħabba li ma jkunux lebsin ġkieket tas-salvataġġ?

Għalhekk ara li l-ħbieb jew il-qraba li jkollok abbord id-dgħajsa jkunu lebsin ġkieket tas-salvataġġ qabel jibda l-vjaġġ biex b'hekk tevita kemm jista' jkun xi traġedja.

## EVITA L-ALKOĦOL

Ipprattika s-sigurtà fuq id-dgħajsa tiegħek billi tevita l-alkoħol. Bħal meta tkun qiegħed issuq karozza, il-probabbiltà li tkun involut f'inċident fuq il-baħar żgur se jiżdied jekk tkun qiegħed taħt l-effett tal-alkoħol. Studji juru li l-effetti tal-alkoħol jirduppjaw meta inti tkun espost għax-xemx jew għar-riħ.

## TGĦALLEM GĦUM

Huwa essenzjali li tkun taf tgħum qabel tibda ssuq id-dgħajsa. Jekk għal xi raġuni jkollok inċident fuq id-dgħajsa tiegħek u tispiċċa fil-baħar, apparti li għandek tkun liebes il-ġakketta tas-salvataġġ, għandek ukoll tkun taf tgħum biex b'hekk tevita li tegħreq.

## HU KORS DWAR KIF ISSUQ ID-DGĦAJJES

Dawk li m'għandhomx esperjenza u anke dawk li għandhom huwa importanti li wieħed ikun familjari sew mar-regoli tas-sigurtà li wieħed għandu josserva fuq id-dgħajsa.

Fil-ħajja huwa dejjem importanti li titgħallem dejjem iktar biex meta tinqala' xi problema inti tkun dejjem ippreparat.





PALUMBOSY
SUPERYACHTS REFIT
NAPLES • MALTA • MARSEILLE • TENERIFE
info@palumbosy.it www.palumbosy.it

# UĦUD MILL-VAPURI BIDLU L-ISTORJA TAD-DINJA



H.M.S Victory - simbolu tal-qawwa navali Britannika

>> IKOMPLI MINN PAĠNA I

Nistħajjilkom tistaqsu, mela x'jagħmel dan il-bastiment fil-lista tal-agħwa għaxara? Ir-risposta hija waħda sempliċi: dan kien il-bastiment li uża Kristofru Kolombu fil-vjaġġ tiegħu lejn id-dinja l-ġdida. Kolombu huwa l-persuna li skopra l-kontinent Amerikan.

Waqt li Kolombu kiseb reputazzjoni kemxejn ħażina għall-mod brutali li bih kien jiggverna Hispaniola wieħed ma jistax jinnega li dan kien baħħar mill-aqwa tant li għamel dak li fi żmienu kien iddikjarat bħala impossibb-li.

Sfortunatament il-bastiment Santa Maria ma kellux jerġa' jirrepeti l-vjaġġ lejn id-dinja l-ġdida minħabba li dan kien inkalja f'Jum il-Milied tal-1492 u l-injam tiegħu ttieħed kollu biex minflok inbena bastiment ieħor li kien oriġinarjament ingħata l-isem ta' La Navidad (il-Miled).

Minkejja li kif għedna l-vapur oriġinali m'għadux jeżisti, għandna xejn inqas minn erba' repliki ta' dan il-vapur li kollha kapaċi jbaħħru.

Sfortunatament l-ebda wieħed minn dawn l-vapuri mhuwa mibni bl-eżatt ta' kif kien Santa Maria minħabba li d-dokumenti oriġinali ta' kif kien il-vapur m'għadhomx jeżistu.

### C.S.S HUNLEY

Din l-ewwel forma ta' sottomarin spiċċat kienet iktar ta' theddida għall-ekwipaġġ tagħha stess milli għall-Union Navy, iżda wieħed ma jistax jinnega li dan is-sottomarin beda revoluzzjoni fl-inġinerija navali, liema inġinerija għadha magħna u għadha qiegħda tiġi żviluppata kontinwament.

Dan is-sottomarin kien mibni waqt ir-revoluzzjoni Amerikana sewwasew mill-Confederates fl-1863 bl-għan li tgħerraq il-vapuri tal-Union li kienu qed jimblokkaw il-portijiet tan-Nofsinhar. Waqt li kien qiegħed jiġi ttestjat, dan is-sottomarin għereq darbtejn u b'kollox ħa l-ħajja ta' 13-il membru tal-ekwipaġġ li fosthom saħansitra kien hemm id-disinjatur tal-istess sottomarin - H.L Hunley.

Meta finalment din l-opra tal-baħar kienet lesta għall-gwerra, fis-17 ta' Frar tal-1864 il-Hunley kien irnexxielha b'mod sottini tersaq qrib ħafna tal-bastiment Housatonic tal-Union u sparat *torpedo* fil-ġenb ta' dan il-vapur. B'mod eċċezzjonali t-*torpedo* kienet ħadet kif suppost u l-bastiment Housatonic kien għereq. Għalhekk dan il-bastiment huwa l-ewwel wieħed li qatt ġie mgħerraq minn sottomarin. Sfortunatament, dan is-sottomarin ma rnexxilux jirritorna lura lejn il-port hekk kif dan għereq għattielet u l-aħħar darba għal raġuni mhix magħrufa. Dakinhar kienu mietu tmien membri tal-ekwipaġġ. Oħroġ il-għaġeb minkejja li dan kien bastiment perikoluż ħafna għall-membri tal-ekwipaġġ dak iż-żmien xorta kien hemm ħafna rġiel li kienu jkunu lesti u ħerqana li jservu f'dan is-sottomarin.

Wara li dan is-sottomarin kien ilu mgħerraq għal xejn inqas minn 135 sena, dan finalment kien ġie lokalizzat u ttella' minn qiegħ il-baħar f'Awwissu tas-sena 2000. Dakinhar kienet saret ċerimonja mill-isbaħ. Dan is-sottomarin tista' tgħid li għadu f'kundizzjoni tajba ħafna u fil-preżent qed isiru l-preparamenti biex jiġi rrestawrat.


U.S.S Arizona kien għereq waqt l-attakki fuq Pearl Harbor

### U.S.S MONITOR U C.S.S. VIRGINIA (JEW MERRIMACK)

Minkejja li l-battalja fil-kosta ta' Hampton Roads, Virginia f'Marzu tal-1862 ma kinitx xi waħda spettakolari u tista' tgħid li spiċċat f'parità, din xorta waħda hija battalja importanti ħafna fl-istorja navali u dan minħabba li għall-ewwel darba fiha kienu involuti żewġ vapuri li kienu magħmulin mill-metall u mhux mill-injam. Il-vapur tal-Union bl-isem Monitor (imlaqqam *cheesebox of a raft*) kellu wkoll għall-ewwel darba arma tan-nar li kienet fuq turretta li ddur. Din kienet tant ħaġa revoluzzjonarja u importanti li saħansitra għadha magħna sal-lum.

Fatt interessanti dwar l-bastiment tal-Confederate huwa li dan kien mibni fuq il-vapur tal-Union bl-isem ta' Merrimack u għalhekk teżisti konfużjoni dwar l-isem. Il-vapur Merrimack tal-Union kien ġie mgħerraq meta Norfolk kienet spiċċat f'idejn in-Nofsinhar f'April tal-1861. Ġara li dan il-bastiment kien ittella' u twaħħlulu pjanċi kbar tal-ħadid. B'hekk dan mhux biss kien jiflaħ għall-kanuni, iżda anke għal mezzi oħrajn li l-għadu kien juża biex jgħerraq vapuri oħrajn tal-injam. L-ebda wieħed minn dawn il-vapuri ma wassal sal-aħħar ta' dik is-sena. Il-bastiment Virginia kellu jiġi splodut meta f'Mejju tal-1862 it-truppi Union reġgħu ħadu Norfolk, dan għamluh biex dan il-bastiment ma jaqax f'idejn l-għadu. Monitor min-naħa l-oħra kien spiċċa għereq f'maltempata qalila qrib il-kosta ta' Cape Hatteras f'lejliet l-ewwel sena. Miegħu kien ħa 16-il ħajja li kienu kollha membri tal-ekwipaġġ. Partijiet minn dan il-vapur fosthom it-turretta, il-kanun, l-iskurn, l-ankra, l-makna u numru ta' affarijiet li kellhom fuqhom il-membri tal-ekwipaġġ għadhom għall-wiri fil-Mariners' Museum ta' Newport News, Virginia.

### U.S.S CONSTITUTION

Magħruf bħala Old Ironsides għall-mod b'saħħtu ta' kif inhu mibni, dan huwa l-eqdem vapur li għandu intatt fil-mużew Amerikan ta' Boston, Massachusetts. Dan il-vapur għandu ħajja ta' servizz twila, u dan baqa' jaħdem - għalkemm mhux kontinwament - bejn l-1797 sal-Gwerra Ċivili fejn hemmhekk dan il-vapur kien jintuża għat-taħriġ tas-suldati. Dan ġie dikommissjonat fl-1881.

Fiż-żmien li dan il-bastiment dam jopera, dan kien involut f'żewġ kunflitti. Kien involut fl-Ewwel Gwerra tal-Barbarija fejn hemmhekk kien hemm ġlieda kontra pirati veri. Imbagħad kien involut fil-gwerra tal-1812 u hemmhekk dan il-vapur kien għamel isem għalih innifsu meta għeleb lill-firgati Britanniċi HMS Guerriere u HMS Java. Dawn kienu l-elemeti li taw ċertu reputazzjoni lil dan il-vapur jiġifieri li dan kien kapaċi jeħodha waħdu kontra l-qawwa navali Britannika. Din ma kinitx ħaġa taċ-ċajt meta wieħed iqis l-qawwa tal-Britanniċi fil-baħar dak iż-żmien. Il-fama tiegħu stess salvatu milli jiġi skrappjat u għalhekk fl-1907 dan beda jservi bħala mużew. Lil dan il-vapur sarulu numru ta' tiswijiet u tibdil matul is-snin u jingħad li ftit biċċiet biss fadal li għandhom minn dak oriġinali. Dan il-vapur xorta waħda għadu tajjeb biex ibaħħar u għadu vapur ikkummissjonat. Fuqu hemm 60 membru tal-ekwipaġġ tal-Qawwa Navali tal-Istati Uniti.

### BATTLESHIP U.S.S. MISSOURI

Minkejja li dan il-vapur qatt ma kien involut f'battalji ma' vapuri oħrajn, il-Mighty Mo - laqam li kien ingħatalu mill-ekwipaġġ - kien magħruf bħala l-vapur li fuqu ġew iffirmati d-dokumenti li ġabu fi tmiemha t-Tieni Gwerra Dinjija. Dawn id-dokumenti kienu ffirmati f'Tokyo Bay fit-2 ta' Settembru 1945.

Iżda t-Tieni Gwerra Dinjija ma kinitx l-uniku azzjoni li dan il-vapur ta' 45,000 tunellata ra fiż-żmien li fih dam ibaħħar. Minkejja li wara l-gwerra dan il-vapur kien ġie dikommissjonat, huwa kien reġa' ġie attivat u ntbagħat għall-gwerra tal-Korea u wara, fl-1984, dan il-vapur kien parti mill-pjan dwar il-flotta tal-President Ronald Reagan.

Saħansitra dan il-vapur serva wkoll fl-Ewwel Gwerra tal-Golf fl-1991 fejn min-



U.S.S Constitution - Old Iron Sides

nu ġew sparati għadd ta' *cruise missiles* u balal ta' 16-il pulzier mill-kanuni kbar tiegħu kontra l-Iraqqini fil-Kuwajt. Illum il-ġurnata dan il-vapur qiegħed jieħu l-mistrieħ li jistħoqlu. Dan jinsab f'Pearl Harbor fejn hemmhekk qiegħed iservi bħala monument tal-gwerra u anke bħala mużew.

## H.M.S VICTORY

L-ebda vapur ma juri daqshekk biċ-ċar il-qawwa navali li r-Renju Unit kellu tard fis-seklu 18 u kmieni fis-sekli 19.

Wieħed mill-ikbar vapuri tal-injam li qatt inbena, li mhux biss kien involut f'għadd ta' battalji tard fis-seklu 18, iżda lagħab rwol kruċjali fil-gwerer kontra l-Franċiżi u l-Ispanjoli u anke baqa' magħruf bħala l-leggenda tal-gwerra ta' Trafalgar tal-1805 fejn Lord Nelson biex ġie ferut u b'kaġun ta' hekk kien miet.

Oriġinarjament il-bastiment H.M.S Victory kien se jiġi mkisser eżatt wara l-Gwerer Napoleoniċi, iżda dan ġie salvat. Storja partikolari tgħid illi dan il-vapur ġie salvat grazzi għall-mara tal-First Sea Lord li malli saret taf mil-liema battalji għadda dan il-vapur u l-valur storiku tiegħu hija nfaqgħet tibki u talbet biex dan ma jiġix imkisser.

Dan il-vapur kienu sarulu tiswijiet estensivi fl-1922 mill-Gvern Britanniku u llum iservi bħala mużew f'Portsmouth.

## U.S.S MAINE

Uħud mill-vapuri baqgħu famużi mhux għal dak li għamlu, imma għal dak li jirrappreżentaw.

F'dan il-każ il-battleship Maine - li kien vapur żgħir li jġorr l-isem ta' battleship - kien sar il-kawża ewlenija li minħabba fih bdiet gwerra.

Dan seħħ meta dan il-vapur kien ankrat fil-port ta' Havana fil-15 ta' Frar tal-1898 dan il-vapur inqasam fi tnejn fi splużjoni misterjuża u qawwija.

Dan spiċċa għereq fi ftit sekondi. Dakinhar kienu tilfu ħajjitom xejn inqas minn 89 membru tal-ekwipaġġ minn 355.

Minkejja li l-kawża tal-isplużjoni qatt ma kienet determinata (b'uħud mill-istoriċi u inġiniera navali jgħidu li dan ma kien xejn ħlief inċident) dan kien immedjatament suspettat bħala sabutaġġ li sar b'mod intenzjonat (probabbilment b'mina) u b'hekk dan kien wassal għal gwerra ta' numru ta' xhur bejn l-Istati Uniti u Spanja. Waqt li l-kompliċità ta' Spanja qatt ma kienet ipprovata f'dan l-inċident, il-frażi ta' gwerra "ftakru fil-Maine" kienet waħda popolari ħafna. Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-vapur, fl-1911 dak li kien għad fadal mill-vapur ittella' fil-port ta' Havana u ittieħed f'ibħra aktar fondi u ntefa' hemm bl-unuri militari kollha.

## BISMARCK

Dan il-vapur Nażita tista' tgħid li kien inissel biża' kbir fl-għadu. Waqt l-attakk li saru fuqu mill-bastiment tal-gwerra Britanniċi HMS Hood u HMS Prince of Wales ftit 'il barra mill-kosta tal-Iżlanda kmieni filgħodu fl-24 ta' Mejju wieħed seta' jinnota l-potenzja ta' dan il-vapur.

F'dan il-konfront qasir iżda vjolenti Hood sploda u għereq waqt li Prince of Wales ġarrab ħsarat kbar u kellu jirritorna lura, kemm kemm jasal, lejn l-Ingilterra. Ġara iżda li ġurnata wara Bismarck kien ġie attakkat mill-qawwa tal-ajru Britannika permezz ta' *torpedoes* u hemmhekk ġarrab ħsarat estensivi.

Immedjatament Bismarck baħħar lejn Franza biex hemmhekk isirulu t-tiswijiet iżda dan kien segwit mill-battleships Britan-niċi Rodney u King George V fejn bil-qawwa tal-kanuni tagħhom fl-aħħar irnexxielhom jgħerrqu lil dan il-bastiment li Hilter tant kien kburi bih. Dawn damu jisparaw fuqu għal sagħtejn sħaħ.

Dan il-vapur kien instab minn Robert Ballard (l-istess raġel li kien sab it-Titanic tliet snin qabel) fl-1989 u hemmhekk kien ġie eżaminat bir-reqqa. Anke minn qiegħ il-baħar dan il-vapur wera l-potenza tiegħu. Minn studju li sar l-esperti ndunaw li minkejja l-assedju li sar fuqu fl-aħħar battalja, ftit li xejn kien jidher li saritlu ħsara kbira u kif għandu tista' tgħid sħiħ. Tant hu hekk li mill-eżami li sar jidher li dan il-vapur ġie mgħarraq apposta mill-Ġermaniżi u mhux mill-assedju tal-Britanniċi.

## U.S.S ARIZONA

Ftit huma dawk il-vapuri li jnisslu emezzjoni fost il-veterani Amerikani. Wieħed minn dawn huwa Arizona. Dan huwa bastiment tal-Ewwel Gwerra Dinjija li kien ukoll involut fit-Tieni Gwerra Dinjija iżda l-missjoni tiegħu f'din il-gwerra damet biss 15-il minuta meta dan kien ġie mgħerraq minn bomba Ġappuniża waqt l-attakk sorpriża li l-Ġappuniżi kienu għamlu fuq Pearl Harbor fis-7 ta' Diċembru 1941.

Dan il-bomba tant waqgħet f'post strateġiku li ġiet imlaqqma bħala *unlucky shot* u l-*one-in-million hole in one*. Dakinhar kienu tilfu ħajjithom 1,177 membru tal-ekwipaġġ ta' dan il-vapur. B'kollox kien hemm 1,400 abbord.

Dan il-vapur kien ġarrab ħsarat tant kbar li ma setax jiġi salvat.

Dan illum għadu jinsab fl-istess post bħala monument tal-gwerra fejn miljuni ta' persuni kull sena jżuruh. Meta wieħed jikkunsidra l-fama kbira li għandu dan il-vapur, hija sorpriża kbira kif ħafna Amerikani saru jafu bih snin wara l-attakk. Dan kien seħħ minħabba ċ-ċensura li kien hemm fil-gwerra. Il-fama ta' dan il-vapur kienet kibret ħafna fis-snin 60 fejn dakinhar kien sar is-sombolu tas-sagrifiċċju u d-determinazzjoni tal-Amerikani.

## RMS TITANIC

Din tista' tkun ovvja għal ħafna. Probabbilment l-aktar vapur famuż fl-istorja huwa t-Titanic. Dan kien mudell tal-avvanzi teknoloġiċi li l-bniedem huwa kapaċi jagħmel. Dan kien l-ikbar u l-aktar vapur tal-passiġġieri veloċi ta' dak iż-żmien. Dan il-vapur Britanniku kien ħalla l-Ingilterra fl-10 ta' April 1912 fl-ewwel vjaġġ tiegħu lejn New York, iżda sfortunatament ħamest ijiem wara ħabat ma' *iceberg* u spiċċa biex għereq.

Waqt li ħafna jaħsbu li sagħtejn huma biżżejjed biex vapur li abbord kellu 2,300 persuna jiġi evakwat kompletament, il-vapur kellu biss nofs id-dgħajjes tas-salvataġġ li kellu bżonn u għalhekk 1,500 passiġġier u membru tal-ekwipaġġ ma ġewx salvati.

Dan il-vapur mhux l-aktar wieħed popolari u importanti biss għall-mod ta' kif kien mibni, iżda wkoll minħabba l-effett li ħalla fuq vapuri li ġew warajh f'dik li hija sigurtà. Dan il-vapur kien reġa' ġie skopert fl-1985 sewwasew fi tliet mili fond fit-Tramuntana tal-Atlantiku.

SAIL MORE THIS SEASON
*With the best brands under one roof - in our* ***NEW*** *Valley Road Showroom*
seajet ANTI-FOULING SYSTEMS
KiwiGrip Non-Skid Deck Systems
A GLAZE
EPIFANES
Teakdecking Systems
deckmate cleaning. simplified.
WEST SYSTEM
www.dockshopmalta.com    7, Valley Road, Birkirkara    Tel: (+356) 2134 0566
DOCK SHOP MARINE SUPPLIES

# L-OGĦLA JOTT JISWA MADWAR BILJUN DOLLARU


Il-jott Al-Said li jiswa $300 miljun

>> IKOMPLI MINN PAĠNA XII

huwa kbir 360 pied u għoli 50 pied u b'hekk huwa fost l-ikbar fid-dinja.

### AL SAID - $300 MILJUN

Al Said huwa imsemmi għall-proprjetarju tiegħu, Sultan Qaboos Bin Said Al Said tal-Oman. Jidher li hemm xi ħaġa fost dawn il-biljunarji li jħobbu jsemmu xi ħaġa li tiswa ħafna flus għalihom.

Meta nbena dan il-jott kien it-tieni l-akbar fid-dinja. Dan il-jott, li jiswa ammont redikolu, huwa mibni minn *aluminum super structure*.

Dan ilaħħaq veloċità ta' 22 knot u jista' jakkomoda sa 70 persuna. Dan ma jinkludix il-membri tal-ekwipaġġ li b'kollox jammontaw għal 154 persuna.

F'dan il-jott hemm sala kbira għall-kunċerti li apperentament tista' takkomoda orkestra sħiħa - dejjem jekk jinqala' l-bżonn.

Sfortunatament ma jeżistu l-ebda ritratti ta' x'hemm ġewwa dan il-jott għalhekk irridu noqogħ-du fuq il-kelma tas-Sultan, li dan huwa jott tal-blieh.

### SUPERYACHT A - $323 MILJUN

Dan huwa tal-biljunarju Russu Andrei Melchenko. Superyacht A huwa tista' tgħid żgħir għall-ammont kbir ta' flus li sewa biex inbena. Dan fih 42 membru tal-ekpwipaġġ u jakkomoda sa 14-il persuna.

Dan huwa veru jott li mhux l-ewwel ma tolqot l-għajn. Il-parti esterjuru ta' dan il-jott mhix impressjonanti, iżda l-maġija ta' dan il-jott qiegħda ġewwa. Dan għandu tliet pixxini li fihom anke l-faċilità li tgħum kontra l-kurrent.

Ġo fih hemm ukoll żewġ dgħajjes li tista' tużahom biex tinżel l-art għal iktar rekeazzjoni. Ma għandniex xi ngħidu, meta tonfoq dan l-ammont ta' flus fuq jott wieħed jistenna li jkollu l-aħħar teknoloġija u faċilitajiet ta' divertiment.

### DUBAI - $350 MILJUN

Dan il-jott kien magħruf b'ħafna ismijiet fil-passat. Meta kien ikkommissjonat mill-Prinċep ta' Brunei dan kien se jkun jismu Golden


Eclipse tal-proprjetarju ta' Chelsea FC Roman Abramovich




Acheck Garage
Acheck Ltd, VRT Station
Triq tas-Sriedaq, Mosta, Malta
Tel 21432656 / 99441297
www.autogas.com.mt
Travel more. Save more.
Switch to Autogas. Always cheaper than petrol.

towbarshop.com
Compare for the best price from five different europe towbar manufacturers instantly!!
UMBRA RIMORCHI · ENGANCHES ARAGON · UEBENI · gdw · WESTFALIA
Shop online, email on info@acheckgarage.com or call us on Tel 21432656 / 99441297
We also do the installation of both towbar and wiring


Superyacht A


Il-jott Dilbar

Star, iżda wara kien tkompla mix-Sheik Mohammed bin Rashid al Maktoum. Huwa magħruf ukoll bl-isem Platinum 525. Fil-preżent dan il-jott huwa proprjetà tax-Sheikh ta' Dubai u għalhekk l-isem. Dawn huwa tista' tgħid lukanda fuq l-ilma. Jista' jilqa' sa 115 passiġġier. Fil-preżent dan huwa t-tieni l-ikbar jott fid-dinja.

### ECLIPSE - STMAT BEJN $450 MILJUN U $ 1.2 BILJUN

Dan huwa probabbilment jott li jiswa l-biljuni. Ħadd ma jaf eżatt kemm jiswa dan il-jott b'uħud saħansitra jgħidu li dan il-jott jiswa $1.5 biljun. Li nafu żgur hu li dan għandu 70 membru tal-ekwipaġġ u li huwa proprjetà tal-biljunarju Russu Roman Abromavich, proprjetarju tal-club ta' Chelsea F.C.

Interessanti li dan il-bastiment għandu sistema ta' difiża f'każ li jkun hemm xi ħadd irid jisirqu u anke sistema kontra min jieħu r-ritratti. Infatti jekk tipprova teħodlu ritratt it-teknoloġija ta' dawl li fih ma tħallikx. Dan jakkomoda 24 persuna, għandu żewġ *helipads* u anke sottomarin.

### STREETS OF MONACO - $1 BILJUN

Dan huwa jott li verament nafu li jiswa biljun dollaru. Id-differenza bejn dan il-jott u t-tielet wieħed fil-lista huma $650 miljun - kważi t-triplu! Id-disinn ta' dan il-jott fantastiku huwa uniku u żgur mhu se tarah fl-ebda jott. Dan il-jott fih korsa għall-go kart, bajja privata!, għadira, u apparti hekk il-gverta tal-vapur hija ddisinjata b'tali mod illi tixbah qisha belt. F'din il-belt hemm repplika tal-casinos u t-trakka tal-Monaco Grand Prix. Apparti hekk, fit-tul ta' 550 pied hemm imxerrdin għadd ta' *courts* tat-tennis, pixxini, kafetterini u anke żona fejn tkun tista' tammira qiegħ il-baħar.

Dan għadu qiegħed jinħadem u s'issa għadu mhux magħruf min se jixtrih. Nistennew u naraw!


Seven Seas – il-jott ta' Steven Spielberg






# VAPURI FIL-MITOLOĠIJI



Vapur sħiħ li kien instab fil-qabar tal-Farawn Khufu



Pittura li turi lill-vapur ta' Odysseus jiġi attakkat mill-ġganti



Pittura tal-wasal ta' Theseus b'missieru jħares lejn il-vapur

IL-VAPURI sa mill-qedem lagħbu rwol importanti fil-ħajja tal-bniedem. Tant hu hekk li anke fil-mitoloġiji tal-akbar ċivilizzazzjonijiet li qatt eżistew il-vapuri wkoll għandhom rwol importanti ferm, tant li saħansitra dawn il-vapuri kienu jintużaw mill-allat. Hawnhekk ħa naraw il-mitoloġija ta' tliet ċivilizzazzjonijiet u kif dawn kienu jintegraw il-vapuri fihom.

## BASTIMENTI FIL-MITOLOĠIJA GRIEGA

Il-Griegi kienu jemmnu li l-art qiegħda żżomm fuq baħar kbir imsejjaħ Okeanos, liema baħar huwa kkontrollat minn titan tal-istess isem.

L-ibħra kollha kellhom l-istess konnessjonijiet mitoloġiċi jiġifieri li l-ibħra kollha kienu perikolużi ħafna għax fihom kienu jgħixu monstri bħal Scylla u Charybdis. Apparti hekk, il-Griegi kienu jemmnu wkoll li wħud mix-xmajjar jwasslu direttament lejn dinja oħra (underworld). Għalhekk dawk kollha li kienu "jissugraw" li jbaħħru l-ibħra kienu jgħidu li jiltaqgħu ma' għadd ta' periklu sopranaturali u perikli oħrajn.

### Il-vapur Argo

Jason u l-ekwipaġġ tiegħu - magħrufin bħala Minyans jew Argonauts - baħħru fuq il-bastiment Argo vapur li kien mibdni u msemmi għal Argus. Athena, l-alla tal-għerf, kienet tat gwida lil Argus ta' kif għandu jibni l-bastiment Argo li meta nbena kien l-iktar vapur b'saħħtu u veloċi fil-mitoloġija Griega kollha.

Minkejja li Jason kien il-kap tal-Argonatus, Argus kellu rwol importanti ħafna li jara li Argo kien qiegħed jaħdem kif suppost - kemm meta jkunu qegħdin jużaw il-qlugħ u anke l-imqadef.

Minħabba l-mod superjuri ta' kif kien mibni dan il-vapur, il-mitoloġija tgħid li Argo kien irnexxielu li jevita ħabta inevitabbli mal-blat Cyanean kif ukoll jevita vapuri oħrajn.

### Il-vapur ta' Odysseus

Odysseus serva bħala kaptan fil-flotta ta' Agamemnon fi triqitha lejn il-belt ta' Troy. Qabel sar il-vjaġġ kien jeħtieġ li jsir sagrifiċċju ta' 100 baqra lill-alla Apollo u wara telqu lejn Troy fejn eventwalment il-Griegi ħarġu rebbiħin.

Iżda l-vjaġġ lura ta' Odysseus lejn il-Greċja ma marx kif stenna. Il-flotta ta' 12-il vapur li kien jikkmanda Odysseus spiċċat ġiet ridotta għal bastiment wieħed biss hekk kif dan tilef 11-il vapur fil-ġlieda kontra r-Re Antiphates u l-armata tiegħu ta' Laestrygonian. Il-mitoloġija tgħid dawn kienu razza ta' ġganti. Wara ġara li l-uniku vapur li kellu spiċċa tkisser mill-mostru Charybdis. Għalhekk Odysseus spiċċa biss b'ċattra. L-istorja tgħid li kien intervent tal-Phraeacians li salvawh u dawn għenuh ibaħħar lura lejn Ithaca.

### Il-qlugħ suwed ta' Theseus

Theseus baħħar lejn Kreta biex iwaqqaf ritwal makabru. Kull disa' snin in-nies ta' Ateni kienu jibagħtu 14-il żagħżugħ/a lejn Kreta fejn ir-Re Minos kien jissaggrifikahom lill-Minotawr.

Missieru, Aegeus, inkwieta dwar il-ħajja ta' ibnu u għalhekk talab lil Theseus biex jagħmel qlugħ bojod fil-vjaġġ tiegħu lura jekk jirnexxielu jibqa' ħaj.

Bil-għajnuna tal-Prinċipessa Ariadne ta' Kreta, Theseus qatel lill-Menotawr u rnexxielu joħroġ mil-labrint lejn kienet tgħix il-bestja. Iżda wara li tilef lil Ariadne fuq waħda mill-gżejjer, Theseus nisa jbiddel il-qlugħ għal bojod kif kien qallu missieru. Għalhekk meta Aegeus ra mill-bogħod il-qlugħ suwed tal-vapur ta' ibnu huwa ħaseb li ibnu kien miet u għalhekk bid-dwejjaq tat-telfa ta' ibnu huwa qabeż mill-irdum għal isfel.

### Il-bastiment tad-dinja l-oħra

Mhux il-bastimenti kollha fil-mitoloġija Griega kienu mibnijin u msjuqa mill-umani.

Fost dawn kien hemm Charon li kien iwassal lill-erwieħ ta' dawk mejta fil-*marsh* ta' Akherousian lejn il-post ta' mistrieħ ta' dejjem.

Huwa kien jaċċetta lil dawk biss li kienu jħallsu munita tad-deheb għall-vjaġġ. Dan kien isir fuq il-kundizzjoni li hu ma jerġax jeħodhom lura fi vjaġġ lura lejn id-dinja tagħna. Huwa kien jirrifjuta li jaċċetta lil dawk l-erwieħ li ma kienx ikollhom biex iħallsu jew li ma jkunux sarulhom ir-ritwali tad-dfin kif suppost, għalkemm il-mitoloġija tgħid li xi drabi huwa kien jaċċettali lil allat bħal Dionysius u eroj bħal Aeneas fuq il-vapur tiegħu.

## BASTIMENTI FIL-MITOLOĠIJA EĠIZZJANA

Skont il-mitoloġija antika Eġizzjana d-dgħajsa tax-xemx kienet twassal lill-alla Ra fil-ġenna. Id-dgħajsa tax-xemx kien vapur kbir li kien jissejjaħ ukoll Barque of Ages jew id-Dgħajsa ta' miljuni ta' snin. Il-mitoloġija tgħid li l-alla Ra flimkien mal-allat l-oħrajn kienu jbarru fis-swemmiet biex isaħħnu lid-dinja u jagħtuha d-dawl.

Imbagħad kien ikun hemm il-vjaġġ ta' matul il-lejl li kien perikoluż. L-allat l-oħrajn kienu jgħinu lil Ra jiddefendi lilu nnifsu kontra s-serp imxajtan Apep, att li kien jirrappreżenta ir-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin.

Id-dgħajsa tax-xemx kienet ukoll il-mezz li bih l-allat kienu jivvjaġġaw mid-dinja lejn il-ġenna. Fost il-poplu Eġizzjan kien jeżisti ħafna talb li kien jingħad bil-għan li jgħin lill-alla Ra u lill-oħrajn ma madwaru fil-ġlieda kontra s-serp Apep. Dan it-talb kien jingħad mill-qassisin fit-tempji tax-xemx.

### Ir-ritwal tal-funerali

L-Eġizzjani tal-qedem kellhom prattiċi elaborati ħafna fil-funerali tagħhom. Huma kienu jagħmlu li jistgħu biex jipprovdu dawk l-affarijiet essenzjali lill-mejjet biex b'hekk dan tal-aħħar ikun jista' jagħmel il-vjaġġ tiegħu lejn il-ħajja l-oħra u xi drabi iktar minn hekk.

Id-dgħajjes tal-funerali huma eżempju wieħed ta' dawn it-tentattivi tal-Eġizzjani.

Għall-ewwel l-arkeologi kienu jaħsbu li d-dgħajjes waqt il-funerali kienu jintużaw biss fi każ ta' mewt ta' Farawn. Iżda skoperti li saru f'dawn l-aħħar snin bdew juru li dan kien trattament li ma jingħatax biss lil xi Farawn.

S'issa għad m'għandniex evidenza biżżejjed biex ikunu nafu liema livelli tas-soċjetà kienu jingħataw dan it-trattament għalhekk wieħed jista' biss jispekula.

Dawn id-dgħajjes kienu jkunu magħmulin minn injam important minn xi mkien fil-Lvant Nofsani. Minħabba li s-siġar ma jikbrux fid-deżert, l-ispiża biex jiġu akkwistati dawn is-siġar biex finalment ikunu jistgħu jinħadmu dawn id-dgħajjes kienet waħda kbira.

Fil-kostruzzjoni ma kinux jintużaw imsiemer, minflok kienu jintużaw ħbula biex l-injam jintrabat flimkien.

Dawn id-dgħajjes kienu kbar madwar 20 pied - bejn wieħed u ieħor. Iżda kien hemm każijiet fejn dawn id-dgħajjes kienu ferm ikbar. Il-Farawn Khufu - il-persuna li bena l-Piramidi l-Kbar - kien midfun flimien ma' dgħajsa li kienet twila xejn inqas minn 144 pied u kellha 12-il maqdef.

L-għan ta' din id-dgħajsa huwa wieħed misterjuż, iżda esperti jsostnu illi din kienet tintuża biex simbolikament twassal lir-Re għall-ħajja ta' wara. Esperti oħrajn jemmnu li l-Eġizzjani kienu jaħsbu li din tinuża mill-Faraun biex jakkumpanja lill-alla Ra fil-vjaġġi tiegħu ta' kuljum.

Id-dgħajjes li nstabu mill-arkeoloġisti mhux kollha huma ta' daqs kbir. Uħud mid-dgħajjes li nstabu huma biss minjatura, li jidher li kellhom aktar ġest simboliku. Dawn id-dgħajjes żgħar kellhom id-dettalji kollha li kellhom il-kbar.

## IL-VAPURI FIL-MITOLOĠIJA TAL-VIKINGI

Il-Vikingi kellhom għadd ta' vapuri li huma meqjusin glojrużi u huma popolari ferm fil-mitoloġija tagħhom.

### Skidbladnir

Ħa nibda b'dan il-vapur minħabba li skont Elder Eddas dan huwa "mingħajr l-ebda dubju l-aqwa u l-aktar wieħed artistiku fost il-vapuri kollha."

Dan il-vapur huwa tal-alla Frey u l-mitoloġija tgħid li kien mibni mit-tfal ta' Ivaldi - nani kapaċi ferm li kienu wkoll bnew il-lanza ta' Oden (Gungnir) u anke għamlu x-xagħar tad-deheb ta' Sif.

Dan il-vapur huwa wieħed kbir mhux ħażin u għandu post biżżejjed biex jilqa' fih l-allat Aesir u l-allat nisa tagħhom flimkien mal-armi u l-apparat tal-gwerra.

Il-mitoloġija tgħid li kull meta jkun se jbaħħar dejjem tqum iż-żiffa li l-vapur ikollu bżonn biex għat-tbaħħir liema żiffa twassal lill-vapur kulfejn ikun jixtieq il-kaptan.

Fuq kollox, il-mitoloġija tgħid li waqt il-kostruzzjoni ta' dan il-vapur intużat ħafna maġija tant illi dan il-vapur jista' jimtena qisu biċċa ċarruta u jiġi żgħir tant li tista' tpoġġih fil-but!

### Naglfar

Meta jasal Ragnarok - żmien ta' taqlib u gwerra li jwassal għall-mewt ta' wħud mill-iktar allat prominenti fostom Odin Thor, Týr, Freyr, Heimdallr, u Loki - il-vapur Naglfar ikun finalment jista' jbaħħar.

Waqt li l-bastiment Skidbladnir huwa l-aqwa vapur li qatt inbena Naglfar huwa l-ikbar. Ħaġa mill-iktar stramba u tal-biża' hija li Naglfar mhux mibni mill-injam iżda mid-dwiefer tas-saqajn u tal-idejn tan-nies li mietu. Fil-ktieb Gylfaginning hemm twissija kollha lin-nies biex qabel imutu jaraw li d-dwiefer tagħhom ikunu maqtugħin qosra kemm jista' jkun biex b'hekk il-vapur idum biex jinbena. Il-mitoloġija tgħid li jkun Loki li jsuq dan il-vapur liema vapur iwassal għall-ikbar ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin.

### Hringhorn

Dan huwa l-vapur ta' Balder. Sfortunatament dan il-vapur jissemma biss fil-funeral tiegħu. F'dan il-funeral jingħad li dan kien l-ikbar vapur ta' dak iż-żmien.

Hawnhekk jidher li hawn diskrepanza għax jingħad ukoll li Naglfar huwa l-ikbar vapur. L-ispjegazzjoni għal dan hija forsi għax Naglfar kien għadu ma nbeniex.

Hringhorn tant huwa kbir illi lanqas l-allat ma kellhom saħħa biżżejjed biex setgħu jimbuttawh fil-baħar u għalhekk kien ikollhom bżonn l-għajnuna tal-ġganti biex jagħmlu dan.



**Waqt il-kostruzzjoni tal-vapur Skidbladnir intużat ħafna maġija tant illi dan il-vapur jista' jimtena qisu biċċa ċarruta u jiġi żgħir tant li tista' tpoġġih fil-but!**



**F'ħafna mill-oqbra tal-Eġittu tal-qedem insabu ħafna minjaturi ta' vapuri li kellhom l-għan simboliku li jwasslu lill-mejjet/a għall-ħajja ta' wara**



# L-AKTAR JOTTIJIET TA' LUSSU LI QATT INBNEW



**Streets of Monaco - jott li jiswa biljun dollaru. Bħalissa għadu biss fuq il-pjanta iżda meta jitlesta żgur li se jkun ta' barra minn hawn**

KIEKU konna miljunarji, probabbli waħda mill-affarijiet li nixtru biex probabbli numru kemm aħna sinjuri huwa xi jott lussuż. Madwar id-dinja hawn eluf ta' persuni li għandhom jott lussuż perÒ mhux kollha għandhom jott li jiswa l-miljuni. Hawnhekk hawn lista tal-iktar jottijiet lussuż li hawn fid-dinja. Ħadna ċ-ċifra ta' $200 miljun bħala l-"irħas" jott li jeżisti fost is-sinjuruni.

## THE RISING SUN - $200 MILJUN

Ejja nibdew biex ngħidu li l-maġġoranza tat-timijiet sportivi li nxtaraw fis-snin 90 kienu jiswew daqs dan il-jott. B'dan l-istess ammont tista' tibni skyscraper jew anke tixtri xi stadium li huwa kemxejn antik. Saħansitra dan huwa iktar mill-prodott nazzjonali gross ta' għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja.

Iżda minkejja dan, jeżistu nies li lesti jonfqu dan l-ammont fuq jott, u dan huwa l-inqas ammont fuq il-lista tagħna! B'$200 miljun tixtri jott bħal dak li xtara David Geffen mingħand Larry Ellison, li kien is-CEO ta' Oracle.

Fuq dan il-jott hemm *court* tal-basketball li ġieli anke jintuża bħala l-post fejn jinżel il-ħelikopter - ċinema, kantina tal-inbid u xejn inqas minn 82 kamra mxerrda fuq ħames sulari.

## SEVEN SEAS - $200 MILJUN

Dan il-jott kien ġie mibni mill-kumpanija Daniża Oceanco. Dan il-jott jakkomoda sa 12-il persuna f'lussu kbir. Ovvjament fuq dan il-jott hemm kabina apposta għall-proprjetarju, li mhu ħadd ħlief Steven Spielberg.

Il-mistiedna għandhom xalta fuq dan il-jott fejn jistgħu jqattgħu ħin fiċ-ċinema li hemm abbord, gym, pixxina u fih post fejn jinżel il-ħelikopter ukoll.

## LADY MOURA - $210 MILJUN

Dan il-jott tant huwa lussuż li saħansitra l-isem u d-disinn tal-jott huma miktubin b'deheb ta' 24 karat. Dan il-jott huwa proprjetà ta' Nassar Al-Rashid, biljunarju mill-Arabja Sawdita. Ma tantx hemm informazzjoni dwar dan il-jott iżda li hu żgur hu li meta nbena - fis-snin 90 - dan kien id-disa' l-ikbar jott. Illum niżel fit-28 post.

Dan il-jott jiflaħ sa 30 mistieden u aktar minn 60 membri tal-ekwipaġġ.

## AL MIRQAB - $250 MILJUN

Jekk tkun tixtieq illi tieħu fuq vjaġġ lil 24 mill-iktar ħbieb għal qalbek, il-jott Al Mirqab jista' jkun dak il-jott li ilek tfittex. L-uniku wieħed li joġġezzjona jista' jkun Hamad bin Jassim bin Jabar Al Thani - il-Prim Ministru tal-Qatar u l-proprjetarju ta' dan il-jott lussuż.

Dan il-jott fih għaxart ikmamar kbar u lussużi għall-mistiedna, post fejn jinżel il-ħelikopter, pixxina, ċinema u anke post fejn tixxemmex. Hemm ukoll xi kmamar VIP li huma esklussivament għall-proprjetarju. Ftit li xejn nafu aktar dwar dan il-jott.

## DIBAR - $263 MILJUN

Forsi biex juru li m'għandhom xejn inqas mill-biljunarji ġirien tagħhom lejn in-Nofsinhar, hemm numru ta' biljunarji Russi li wkoll għandhom jottijiet li jħalluk b'ħalqek miftuħ.

Fost dawn hemm Alisher Usmanov li huwa l-proprjetarju ta' Dilbar. Dan il-jott jakkomoda madwar 20 mistieden hu għandu 47 membru tal-ekwipaġġ.

Dan fih il-faċilitajiet li wieħed jistenna meta tonfoq aktar minn kwart ta' biljun dollaru fuq jott. Id-Dilbar

<< IKOMPLI F'PAĠNI VIII U IX


